MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2417/2002

**Elmo Insurance Brokers Limited**

**vs**

**Paul Borg Barthet**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mis-socjeta` attrici fis-7 t'Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm236.57), dovuta bhala premium fuq policy mahruga favur il-konvenut skond l-istatement u l-invoices annessi mal-avviz markati Dok.A u Dok.B;**
**Illi l-konvenut nonostante li gie nterpellat biex ihallas u nonostante li saret ittra legali fis-27 ta' Marzu, 2000, sal-lum ma hallasx is-somma dovuta;**
**Ghaldaqstant il-kumpanija attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha l-imsemmija somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u sebgha u hamsin**

**centezmu (Lm236.57) dovuta lilha ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dana bl-ispejjez kif ukoll bl-imghax ta’ 8% fis-sena mill-20 ta’ Marzu, 2000, data ta’ l-imsemmi invoice kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta’ Noel Ancilleri, Financial Controller tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-konvenut ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.**

**Ghaldaqstant, wara li ra l-Artikolu 13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, u peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u sitta u tletin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm236.57) bl-imghax legali b’effett mill-20 ta’ Marzu, 2000, sad-data ta’ l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali fis-27 ta’ Marzu, 2000, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**